MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 193/2008

**A B**

**-vs-**

**C E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti A B u l-intimat C E zzewgu f’Malta fit-tletin (30) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. SL1;

Illi minn dan iz-zwieg twieled fit-tnax (12) ta’ Marzu tas-sena elfejn (2000), it-tifel taghhom F’ E (certifikat anness u mmarkat Sok. SL2);

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat;

Illi ghalhekk, iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-Ligi.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan skond is-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C E, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg tieghu mar-rikorrenti huwa null, pero' mhux minhabba ragunijiet imputabbli lilu;

Illi l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg tieghu mar-rikorrenti huwa null minhabba li l-kunsens tar-rikorrenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg tieghu mar-rikorrenti huwa null minhabba li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-

zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-esponenti m’ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna, stante li z-zwieg tieghu mar-rikorrenti huwa null ghal ragunijiet attribwibbli biss lir-rikorrenti kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza zzewgu fl-1998 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin hafna snin. Miz-zwieg twieled tifel. ir-rikorrenti ssostni li hajjitha mal-familja taghha ma kinitx felici u ghalhekk dahlet ghaz-zwieg bla hsieb. Iz-zwieg sfaxxa meta l-istess rikorrenti bdiet relazzjoni ma’ ragel iehor, neputi tal-istess intimat. Issa qed tintalab dikjarazzjoni ta’ nullita’ ai termini tal-Art. 19 (1) (d) tal-Kap. 255, li jipprovdi ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ meta:

“*Jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*”

L-intimat jaqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null, pero’ ghal ragunijiet imputabbli lill-istess rikorrenti.

“*F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli*

*bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju*", ("**Anna Tonna vs Alexander Tonna**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

F'din il-kawza tressqet hafna xhieda, kemm permezz tal-procedura tal-affidavit, kif ukoll bil-produzzjoni ta' xhieda viva voce quddiem il-Qorti. Din ix-xhieda kollha tat stampa cara ferm tas-sitwazzjoni ta' din il-koppja pero' ma kien fiha ebda hjiel ta' difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif kontemplat fl-Art. 19 (1) (d) u kif konsistentement interpretat minn dawn il-Qrati.

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (<u>autonomia</u>) from all force from within*", **Janet Portelli vs Victor Portelli**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Awissu, 1995).

Ir-rikorrenti innifisha tibda l-affidavit taghha hekk:

"*L-ghan tieghi huwa li nuri n-natura tar-relazzjoni li kellna jiena u C kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg. Din ma*

*kellha xejn minn dak li wiehed jifhem bhala zwieg fis-sens ta' konvivenza bejn zewg bnedmin illi jinhabbu u jirrispettaw lil xulxin u li jkollhom l-intenzjoni u x-xewqa li jikkreaw familja. L-unjoni taghna kellha biss ghan finali differenti ghalina t-tnejn: min-naha tieghi dik illi nsib l-attenzjoni li ma kellix fil-familja tieghi u dik illi nahrab mis-sitwazzjoni familjari tieghi, u min-naha tieghu dik illi f'ghajnejn in-nies huwa kellu familja; mara, tifel u dar sabiha. Iz-zwieg dan kien issarraf ghalih. Nahseb illi t-tnejn li ahna dhalna ghaz-zwieg mhux ghaz-zwieg innifsu izda biss ghall-funzjonalita' tieghu illi jaghtina dak illi xtaqna f'hajjitna, u cioe' illi noholqu realta' differenti minn dik li konna qeghdin nghixu. Ma kellu ebda karattru ta' zwieg illi jidhlu ghalih tnejn min-nies illi jinhabbu u jixtiequ jqattghu hajjithom flimkien u jibdew il-familja taghhom.*"

Hija stess ma tirreferix ghal xi difett, la fiha nnifisha, u lanqas f'zewgha. Il-Qorti hawnhekk tinnota illi hija kostretta bil-parametri tal-kawza kif esposta fir-rikors promotur. Galadarba ma giet intavolata ebda kontro-talba, hija biss il-kawzali a tenur tal-Art. 19 (1) (d) li dwarha ghandha taghmel l-iskrutinju taghha l-Qorti. Ghaldaqstant, anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, tezisti prova ta' xi eskluzjoni, din il-Qorti hija prekluza milli tikkonsidraha.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma ssib difett ta' diskrezzjoni f'hadd mill-partijiet.

Mill-provi prodotti, il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg kien wiehed normali sakemm ir-rikorrenti bdiet ir-relazzjoni taghha mat-terza persuna. Forzi kien f'dan l-istadju li r-rikorrenti bdiet tinduna li setghet ghamlet zball, pero' kif isostnu dawn il-Qrati, dan ma jinvalidax zwieg.

"*Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia <u>gravi</u>, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg,</u> jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera <u>dwar l-imsemmi oggett.</u> Id-difett serju ta' diskrezzjoni,*

*ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju*", **("Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri",** deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995).

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------